# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAHHAR GESÙ KRISTU !**

**AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA FRN 1441**
**TEL: 21222239/ 21237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email:** infosheet@akmalta.org

**JANNAR 2010** **NUMRU 250**

## MADWARNA

**Iż-Żagħżugħa tas-Sena 2009** - Nifirħu lis-Sinjorina Sarah Caruana, President taż-ŻAK, li ħadet ir-Rikonoxximent 'Żagħżugħa tas-Sena 2009' organiżżat mill-fondazzjoni OASI f'Għawdex. Sarah kienet nominata mill-Kappillan u Sindku tar-raħal tagħha għal dan ir-rikonoxximent.

**Is-Sur Charles Magro u s-Sinjorina Joyce Pullicino ppremjati mill-President ta' Malta -** Huwa ta' pjaċir kbir għall-Azzjoni Kattolika Maltija li żewġ persuni oħra, impenjati ħafna fil-ħidma tal-A.K.M., ingħataw premju f'Jum ir-Repubblika mill-President ta' Malta, Dr. George Abela. L-Editur tal-Ħuġġieġa is-Sur Charles Magro inħatar Membru tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu filwaqt li s-Sinjorina Joyce Pullicino ingħatat il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika. Prosit tassew!

**Grazzi mill-qalb -** Nixtieq ngħid grazzi mill-qalb lil kull Adult u żagħżugħ/a li huma impenjati fil-ħidma tal-A.K.M. Lil kull wieħed u waħda minnkom, kbar u żgħar responsabbli mit-tmexxija fiċ-ċirkoli u fil-gruppi jew fl-amministrazzjoni, grazzi tas-sagrifiċċju, tal-ħin, tad-dedikazzjoni, tax-xogħol kollu li twettqu fi ħdan l-A.K.M. Aħna napprezzaw ħafna dak kollu li tagħmlu u nħeġġiġkom nkomplu naħdmu lkoll flimkien għall-Glorja t'Alla.

**Skola tal-Appostolat -** Nixtieq infakkar li l-Iskola tal-Appostolat hija għall-Presidenti u membri tal-kumitati tal-Frieghi kollha. Inħeġġeġ 'l dawk li m'għandomx diffikultà minħabba l-ħin tax-xogħol, mill-Frieghi tal-Irġiel, Xebbiet u Koppji biex jiġu. Skola tal-Appostolat li jmiss hija l-Ħamis 21 ta' Jannar 2010 mid-9:30 sal-11:00.

**Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali Ġdid -** Nittamaw li sa ftit ġranet oħra nkunu nistgħu nħabbru l-ħatra tal-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-A.K.M. il-Ġdid. Qegħdin nistennew id-Digriet mill-Konferenza Episkopali. Kif inkunu nafu inħabbruhulkom.

**'Jeħtieġ iżda li naslu fi gżira'**- Din hija t-tema għaż-żjara li l-Q.T. l-Papa Benedittu XVI se jagħmel f'pajjiżna fis-17 u t-18 t'April 2010. Tajjeb li fiċ-ċirkoli u l-parroċċi nibdew nieħdu ħsieb inħejju ruħna spiritwalment għal dan l-avveniment hekk importanti għall-Knisja u l-Insara kollha f' Malta.

**Carmen Agius, President Ġenerali**



*Tesserament Ċentrali*

*Is-Sibt* 9 ta' *Jannar* 2010 fis-18:00

*Sala Mons Gonzi*

*Istitut Kattoliku, Floriana*

NIBDEW B'QUDDIESA LI FIHA JSIR IT-TESSERAMENT
Tad-DIRIĠENTI ĊENTRALI

WARA NAQSMU FLIMKIEN IX-XEWQAT TAJBA GĦAS-SENA l-ĠDIDA

| **Jannar 2010** | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 7 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Is-Sibt 9 | Ċirkoli kollha | Tesserament Ċentrali – diriġenti kollha. Sala Mons Gonzi fis-18:00 |
| It-Tnejn 11 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tlieta 12 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 1 għal membri taċ-ċirkoli ta' : Balzan, Balluta, B'Kara, Fleur-de-Lys, Ħamrun S.G., Ħamrun Kunċ., Ħamrun Sokkors, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar, Qormi S.B., Qormi S.Ġ., Rabat, Sta. Venera., San Ġiljan, Siġġiewi, Żebbuġ. Post : Oratorju Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija, Triq San Pawl, Mġarr. |
| L-Erbgħa 13 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| It-Tnejn 18 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 |
| Il-Ħamis 21 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| | Fergħa Xebbiet | It-Tieni Laqgħa ta' Formazzjoni. Sala Dandrian fis-18:00 |
| It-Tnejn 25 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tlieta 26 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill |
| L-Erbgħa 27 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettwali No 2 għal membri tac-Cirkoli ta':- B'Buġia, Cospicua, Fgura, Floriana, Gudja, Kirkop, Luqa, Marsa, Mqabba, Paola Lourdes, Qrendi, Senglea, Tarxien, Valletta S.P, Vittoriosa, Żabbar, Żejtun, Żurrieq. Post : Ċentru Parrokkjali, Triq id-Dokkiena, Luqa. |
| | | |
| **Frar 2010** | | |
| L-Erbgħa 3 | Kumm. Ħidma Morda | Forum Jum il-Marid – Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana. |
| Il-Ħamis 4 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |



SKOLA TAL-APPOSTOLAT
Nhar il- Ħamis 21 ta' Jannar, 2010
Fid-9:30
F'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità,

u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta' Ħadd fis-19:15.

Id-Dati għax-xahar ta' Jannar huma :- 3, 10, 17, 24 u 31.

ĠIMGĦA TA' TALB GĦALL-GĦAQDA TAL-KNEJJES
Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar 2010
Tema magħżula: 'Intom Xhieda Tiegħi' (Luqa 24: 48)
Din it-Tema ġiet magħżula mill-Kunsill Pontifiċju għall-għaqda fost l-Insara u mill-*World Council of Churches*
Il-Programm: Il-Ħamis 21 ta' Jannar 2010
Fil-Knisja St Andrew's Scots Church, Valletta.
Ħin fis-18:30
Kelliem Prinċipali : Dun Rene Camilleri
Se jitqassam fuljett b'xi materjal, bħal ħsibijiet u adorazzjoni għall-okkażjoni biex jintuża fil-Knejjes.

**Nitolbu lkoll biex din l-Għaqda sseħħ**

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Fil-bidu ta' kull Sena Ġdida, is-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika jistieden l-Anzjani tad-Djar Residenzjali tal-Knisja għall-*High Tea* u *Get-Together*.
Din l-attività ssir bil-kollaborazzjoni tad-Direttur tad-Djar tal-Anzjani tal-Knisja.
Waqt it-Te' jkun hemm programm ta' varjetà b'kant, logħob u *sketches*.

Post: Topaz Hotel, Triq l-Erba' Mwieżeb, Buġibba, San Pawl il-Baħar (Tel 23510000)
Data: Il-ĦAMIS, 7 ta' Jannar 2010 Fit-15:30.

**Ħtieġa Ta' Driver P/T Casual**

Is-Segretarjat Assistenza Soċjali se jilqa' applikazzjonijiet għal post ta' driver b'liċenzja D1 biex jaħdem fuq bażi każwali – Iktbu lis-SAS, Istitut Kattoliku, Floriana FRN 1441.



## Servizz bil-Minibuses

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom u bbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.
Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-Mobile No:- 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' difficultà ċemplu l-Uffiċċju SAS : 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

"KIF INKUNU KAPAĊI NAGĦMLU ANALIŻI TA' PROBLEMA/I
SOĊJALI FIL-PAJJIŻ B'LENTI NISRANIJA"
Laqgħa ta' introduzzjoni fuq is-suġġett il-Ħamis, 11 ta' Frar 2010
F'Sala Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana, bejn id-9:15 u l-11:00

SEMINAR TA' NOFS TA' NHAR, IL-ĦAMIS TA' WARA, 18 TA' FRAR 2010
F'SALA TA' FUQ (użu tal-lift) tal-Kummissjoni Emigranti
(Ħdejn il-Barrakka ta' fuq) Valletta
Bejn id-9:00 u 12:15
Is-SAS qed jorganizza dawn il-laqgħat bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-Fergħa Nisa tal-A.K.M. u sezzjonijiet oħra adulti tal-A.K.M.

# KUMMISSJONI FUND-RAISING

Ikla / Buffet ta' San Ġwann Bosco fil-Lukanda Soreda, Triq Andrew Cunningham, Qawra, f'ġieħ l-Assistenti Ekkleżjastiċi
Il-Ħadd 31 ta' Jannar 2010 Ħin : 12:30 għas-13:00

Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġwann Bosco l-Kummissjoni Fundraising qed torganizza ikla f'ġieħ l-Assistenti Ekkleżjastiċi. Iċ-ċirkoli huma mħeġġa jistiednu lil Assistent tagħhom flimkien mal-membri u l-ħbieb għal dan il-Lunch/Buffet. Tafu kemm l-Assistenti huma ta' ħtieġa għal formazzjoni tal-membri. Għalhekk hu xieraq li darba f'sena nuruhom l-apprezzament tagħna għal dak kollu li jagħmlu.

## Sunday Buffet

*A Selection of salads, antipasti and meat-cuts from our buffet table*
Creamy zucchini soup with cottage cheese & chives

*From the Live Pasta Station*
*Fusilli blended with Shellfish, wine and herbs*
*Or*
*Tossed with Feta, Artichokes, Cherry Tomatoes and Ripe Black Olives*
*From the Carvery Table*
*Roast Loin of Beef: Horseradish Sauce.*
*Roast Breast of Turkey Cranberry Sauce*
*Chicken legs, marinated with lemon, balsamic vinegar and Coriander and baked in its own juice*
*Vindaloo Lamb garnished with Basmati rice, poppadums and Condiments*
*Braised whole Baby Swordfish, flavoured with Rasberry Vinaigrette*
*Bouquetiere of vegetables*
*Roast potatoes*
*Steakhouse Chips*

*Selection of Desserts. Cheeses and carved fruits from our dessert table*

*Cheese and Maltese biscuits*

*1 Glass of Wine Or Soft Drink*

**Dan il-Menu jista' jkun suġġett għal xi tibdil**

Żmien għal kitba sal-Ħamis 28 ta' Jannar 2010 fis-Segreterija tal-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku, Floriana, Tel :- 21222239 jew qabel jekk il-postijiet disponibbli jittieħdu. Permezz tagħkom il-membri, familjari u ħbieb qed nistennew attendenza numeruża. NARAWKOM.
Jekk jogħġbok għid ma' min tixtieq toqgħod fuq il-mejda.
Prezz: Kbar € 15.00 Tfal taħt it-tnax il-sena € 7.00
Trasport Mrs Marie Bartolo - Tel: 21221931



**Jekk għadek ma ġġedditx l-abbonament fil-Ħuġġieġa 2010, abbona issa billi timla l-formola ta' hawn taħt u ibgħata flimkien ma ċekk indirizzat lil : Azzjoni Kattolika Maltija, Attn: Ms Helma Vella, Librerija Azzjoni Kattolika, Istitut Kattoliku, Floriana FRN 1441**
**(Abbonament mill-Bookshop € 5.50, abbonament bil-posta € 6.00)**



**Qiegħed/a nibgħat l-ammont ta' € .......... ħlas tal-abbonament fil-Ħuġġieġa**

**Isem u Kunjom**.......................................................................................................

**Indirizz** ...............................................................................................................

**Kodiċi Postali Ġdid** ................. **Nru Tel/Mobile :** ........................................................

**Email** ..................................................................................................................



***Nixtiequ infakkrukom li fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika l-Floriana qed nagħtu s-servizz ta' BINDING. Il-prezz huwa ta' € 1.00 kull 12 il-paġna. Għalhekk inħeġġu lil membri kollha biex imexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz.***

## Librerija tal-Azzjoni Kattolika




***Trid tagħti rigal b'differenza dan il-Milied?***
***Post wieħed għandek tmur -***
***fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika – Istitut Kattoliku – Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba relġijużi bil-Malti u bl-Ingliż għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***



***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-ftuħ :***
***Matul il-ġimgħa - mid-9:00 sa 12:00 u mill-16:00 sas-19:30***
***Is-Sibt - mid-9:00 sa 12:00***



***Tel: 21 237031***

***Għalhekk dan il-Milied ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***

# AKM RENDIKONT ANNWALI 2009

Ente *(a)* Parroċċa *(b)* Fergħa/Moviment eċċ *(c)*

## DĦUL

Dħul mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2009

| | EUR | EUR |
|---|---|---|
| Bilanċ mis-Sena 2008 | | ____ |
| 1. Mill-Kwoti | ____ | |
| 2. Kontribuzzjonijiet | ____ | |
| 3. Interessi mill-Banek | ____ | |
| 4. Attivitajiet | ____ | |
| 5. Dħul ieħor | ____ | |
| i) ____ | ____ | |
| ii) ____ | ____ | |
| iii) ____ | ____ | |
| iv) ____ | ____ | |
| | TOTAL DĦUL | ____ |
| | Total Dħul + Bilanċ 2008 | ____ |

## HRUG

| | | |
|---|---|---|
| 1. Konsum Elettriku/Ilma/Telefon | ____ | |
| 2. Ħlas tal-Kera tal-Post | ____ | |
| 3. Spejjez ta' Manutenzjoni tal-Post | ____ | |
| 4. Spejjez oħra (bid-dettalji) *(d)* | ____ | |
| i) ____ | ____ | |
| ii) ____ | ____ | |
| iii) ____ | ____ | |
| iv) ____ | ____ | |
| v) ____ | ____ | |
| | **TOTAL HRUG** | ____ |
| | **DIFFERENZA *(e)*** | ____ |

Noti: a) Isem tal-Fergha/Cirkolu/Kunsill eċċ

b) Isem tal-Lokalita

c) Nisa, Rġiel, Xebbiet, Zgħażagħ eċċ

d) Fejn l-ispiża tkun kapitali għandha tingħata kopja tal-irċevuta

e) (+ jekk minn fuq u - jekk minn taħt)

**KAPITAL**

Ammont ta' flus l-Bank ____________________

Flus fl-idejn *(Cash)* ____________________

Kopja/i tal-'Bank Statement' li juri l-Bilanċ fil-Bank/ek sal-31.12.2009

**DIKJARAZZJONI**

Aħna, hawn taħt iffirmati, niddikjaraw li t-tagħrif kollu mogħti f'dan ir-rendikont huwa realistiku u korrett.

Firma tal-President ____________________

Firma tat-Teżorier ____________________

Indirizz Postali tal-Fergħa/Ċirkolu/Kummissjoni eċċ. ____________________

____________________

Nru tat-Tel./Mob. : ____________________

Email: ____________________

Data ____________________

***Nota: Importanti li dan ir-rendikont jasal għand l-Amministratur Generali sa l-aħħar ta' Frar 2010.***